MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tas-17 ta' Frar, 2005

Talba Numru. 1792/2003

**Euro Concrete Blocks Ltd**

**Vs**

**William Bugeja f'ismu propju u ezercjenti l-kummerc taht l-isem 'Bugeja & Bugeja'**

It-Tribunal,

Wara li ra t-talba attrici ghal hlas ta' Lm448.49 (erba` mija tmienja u erbghin lira Maltin disgha u erbghin centezmu) dovuti ghal materjal ta' bini mibjugh u kkonsenjat.

Bl-ispejjes u interessi kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota, tal-mistoqsijiet ta' l-attur sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Art 698 (2) u 702 tal-Kap 12 u Art 13 (b) tal-Kap 380.

Billi ghalkemm notifikat regolarment fl-20 ta' Dicembru 2004 il-konvenut naqas u ma dehrx meta gew ipprezentati fis-7 ta' Frar, 2005 l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Jiddeciedi billi jilqa it-talbiet attrici bl-ispejjez u interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------